# IL-MEWT TA' PERE VINCENT O.P.

Għal kemm fl-imwaħħar — għax l-aħbâr ħadnieha mir-rivista Taljâna "La Terra Santa", li waslitilna meta dal-"Qari" t'April kien laħaq ħareġ — ngħarrfu issa lil qarreja tagħna bil-mewt ta' wieħed mill-aqwa għorrief Kattolki fl-Arkeoloġija tal-Art Imqaddsa, id-Dumnikân Professur Père Luis H. Vincent, fil-għomor sabiħ ta' tmienja u tmenin (88) sena.

Għal Franġiskâni, bħal ma għad-Dumnikâni ta' Ġerusalem — li jaħdmu għalanija fil-qasam tal-Mulej, kif wissewhom Missierijiethom, San Duminku u San Franġisk — il-mewt ta' Père Vincent kienet ta' għafsa ta' qalb ħarxa. Ma tistâx tgħid li kienet ta' telfa, għax il-ħidma kbîra tiegħu għâdha hemm, ħidma li bdieha minn bokor żogħżitu u baqa' sejjer biha bla heda sa waħar xjuħitu. Imma għafsa ta' qalb iwa; għax tixtieq taraħ u tkellmu, u ma tistâx aktar!

Kif stqarr id-Direttûr tal-Iskola Biblika Franġiskana, Patri Donat Baldi O.F.M. li tgħallem taħt idejn Père Vincent, dan il-Professur kellu qîma kbîra lejn il-Franġiskâni tat-Terra Santa, imgħarraf tajjeb kif kien fuq kemm swew lill-Knisja Kattolka bil-ksîb u l-ħarsien tal-Imkejjen Imqaddsa. Il-kbarât tal-Kustôdja wkoll min-naħa tagħhom, taw dejjem ġîħ kbîr lil Père Vincent, u fejn tmiss l-Arkeoloġija u l-bini ta' Bażilki ġodda, u t-tiswija ta' Santwarji qodma, ma kienu jagħmlu xejn bla ma qabel jgħidu lilu, u jieħdu rajh, u joqogħdu għall-awtorità tiegħu. Père Vincent għamel il-qalb lil Franġiskâni meta qalûlu li kien bi ħsiebhom jifthu Skôla tal-Bibbja, u jsemmuha: "Studium Biblicum" u feraħ wisq meta raha mżanżna fis-sena 1927. Għên kemm sata' lill-imgħallmîn tagħha kemm ukoll lil dawk li kienu jitgħallmu, li dejjem fettxew u qagħdu għar-raj tiegħu biex l-iskôla tissebbaħ u tgħaddi 'l quddiem.

Id-Direttûr, Patri Baldi O.F.M. u l-għalliema tal-Istudju Bibliku kienu ġejjîn u sejrîn ikellmu lil Père Vincent fuq ix-xogħol tagħhom u dejjem faħħru t-turija tajba li kien jagħtihom, billi jweġibhom bil-qalb u bissabar għal kull ma kienu jistaqsuh. Meta ħtija tat-toqol tal-għomor kellu jitlaq it-tagħlim u jinġabar fiċ-ċella tiegħu għerja u fqîra, bil-qegħda quddiem mejda, kien jilqagħhom bilqîma kollha u jfissrilhom b'imħabba u tjieba kull ma kienu jrîdu jafu minn għandu. U meta fl-aħħar kellu jitlaq ukoll il-mejda u jinxteħet fuq siġġu tad-dirgħajn, dak iż-żmien ukoll, għal kemm iż-żjajjar tal-Franġiskâni kienu jkunu bgħîda u qosra, biex ma jgħejjewhx, kienu jsibuh dejjem bit-tbissîma fuq xuftejh u l-kurûna tar-Rużarju f'idu, jistenna bis-sabar u t-talb, lil Oħtna l-Mewt.

Dan li ġej huwa fil-qosor dak li kiteb fuq ħajtu Père Roland de Vaux O.P., il-Professur li mexxa x-xogħol tal-kxîf tad-Dejr il-Kbîr ta' Qumrân.

Père Luis Hugues Vincent twieled fl-aħħar jûm t'Awissu tas-sena 1872, f'saint Albande-Varaize, imma għadda ħajtu qisha kollha fil-Palestina. Meta għamel in-Novvizzjat fil-Provinċja ta' Lions, fi Franza, fis-sena 1891 bagħtuh il-Palestina fid-Dejr ta' San Stiefnu li kien għadu kemm inbena f'Ġerusalem. Hemm temm l-istudji tiegħu tal-Filosofija u t-Teoloġija u qaddes l-ewwel quddiesa. Hemm ġietu ħajra għat-tagħlîm Xerqi, jew *Orjentali* u billi Père

Lagrange, ftit qabel (fis-sena 1890) kien waqqaf hemmhekk l-Iskôla Biblika (Ecole Biblique), iż-żagħżugħ Père Vincent, billi kellu moħħu tajjeb u għira għat-tagħlîm, sâr l-egħżeż wieħed fost id-dixxipli tiegħu. Fl-Iskôla Biblika Père Vincent kellu f'idejh it-taqsima tal-Arkeoloġija, u waqt li *ration recénte*. It-tieni, fl-1911, li semmieħ: *Jérusalem sous terre*. Wara taħa għall-istudju tas-Santwarji l-kbâr, u flimkien ma' Dumnikân ieħor, Père Abel, li kien studja tajjeb wisq il-lingwi, kiteb xi kotba ta' hemma kbîra. Fl-1914 xandar il-ktieb: *Betléem, le Sanctuaire de la*



*Il-Patri Hugues Vincent O.P., waqt li kien idawwar l-Imkejjen Imqaddsa lil ex-President tar-Repubblika Franċiża Herriot u lis-sinjura tiegħu. Il-Franġiskan li hemm bil-qegħda huwa Patri Ozanne O.F.M., Franċiż ukoll.*

kien jagħti l-lezzjoni qatt ma kien jinqeda b'noti, għax kien iżomm kollox f'moħħu, billi kellu memorja kbîra.

L-ewwel ktieb li kiteb kien fl-1907, li semmieħ: *Canaan d'après l'exploration recénte*.

*Nativitè*, u wara li ħdiet il-gwerra u raġa' lura minn Franza, fejn kienu ħaduh għas-servizz Militari, xandar ktieb ieħor: *Hèbron, le Haram el-Khalîl*, u ftit wara ieħor: *Emmaüs, sa Basilique et son Histoire*. Imma

l-akbar biċċa xogħol kienet l-istudju tiegħu fuq Ġerusalem u t-tifkiriet tagħha, li xandru fi ktieb ma' Père Abel, li semmieh: *Jérusalem Nouvelle.* Ktieb li fih elf faċċata barra minn mitt stampa, fuq il-Belt Imqaddsa u l-Imqades tagħha, minn żmien Kristu sa żmien is-Salibîn, jew *Crociati.*

Wara żmien li fih ma kitibx kotba (imma ġabar għadd kbir ta' noti), l-aktar ħtija tat-tieni Gwerra Kbira, kiteb ktieb ieħor, f'żewġ volumi, waħdu, għax Père Abel kien laħaq miet, u semmieh: *Jérusalem de l'Ancien Testament* (1954-6). Barra minn dan ix-xogħol kiteb kotra bla għadd ta' artikli fir-Rivista tad-Dumnikani, *Reveue Biblique*, li għal żmien kien hu d-Direttur tagħha.

L-awtorità tiegħu fejn tmiss l-Arkeoloġija kienet magħrufa mill-Akkademji l-kbâr tal-Ewropa. Għalhekk kien membru tal-*Academie des Inscriptions*, ta' Pariġi, u tad-*Deutsches Archäologisches Institut*, ta' Berlîn. Hekk ukoll kien membru tal-*British Academy*, ta' Londra, u wieħed mill-ewlenîn membri tal-*Pontificia Accademia Romana di Archeologia*. Kien membru onorârju tal-*American Oriental Society*, u tas-*Society of Biblical Literature*.

Biex jagħrfu wkoll il-ħidma tiegħu, il-Ħakma Ingliża tagħtu l-*O.B.E.* Il-Belġju tâh il-*Croix de Leopold*, u Franza, art twelîdu, daħħlitu fil-*Legion d'Honneur*, l-ewwel bħala fizzjâl, u ftit ġimgħât qabel mewtu, bħala kommendatûr.

Dan il-ġiħ kollu kien mogħti lîlu sewwa bħala bniedem ta' skôla kbîra, kemm bħala râġel li jistħoqq qîma; għax kull min kien ikellem lil Père Vincent kien jissaħħar għal imġieba ħelwa tiegħu. Il-għadd kbîr ta' ħbieb Ingliżi li kellu kienu jgħidu li hu kien "a perfect gentleman". Kien dejjem imħejji biex jisma' u biex iwieġeb, u jfittex, kull meta jkun meħtieġ, li jgħin lill-ħadd ieħor, sewwa nies ta' skola, kemm lill-istudenti mistħijîn, li kienu jmorru għandu jistaqsuh fuq xi biċċa fuħħâra li jkunu sâbu jew fuq xi taħżîża ta' xi ħerba li jkunu ħażżu, meta jmorru barra għal xi naqra ta' dawra.

Père Vincent kien bniedem ta' tieba kbira u din it-tieba kienet tassew hierġa minn qalbu. Baqa' jgħid kull jum l-Uffizzju sa kemm sata'; meta ma baqâx jara aktar bin-nuċċali baqa' jgħidu kull jum billi jaqra l-Brevjarju b'lenti kbîra. Meta anqas bil-lenti ma baqa' jâra, beda jgħid ir-Rużarju. Kien jgħaddi nhâri u ljieli bil-kurûna f'idu, jgħid posta wara posta. Kien jixtieq li l-Mulej ifittex jieħdu miegħu, imma wkoll, ħin wieħed, kien jilqa' t-tiġrib li kien qiegħed jibgħatlu. Il-kelma li l-aktar kienet tistama' ħierġa minn fommu fl-aħħar xhûr ta' ħajtu, kienet: *Comme le Bon Dieu veut*, jiġifieri: *Kif irid il-Ħanîn Alla.*

Sħâbu d-Dumnikâni kienu jarawħ, b'għafsa ta' qalb, jiġġarrab u jissaffa qabel ma jmur jiltaqa' m'Alla. Fl-aħħar il-waqt wasal, u l-Imgħallem sejjaħ għal għandu 'l qaddej tiegħu. Ħûtu, d-Dumnikâni ma jistgħux jibkuħ, għax għal kemm miet, ħalla warajħ wirta kbîra. Il-wirta hi x-xogħol, kbîr u fejjiedi li ħadem, u t-turijiet tajba li wera. Wirta li huma bi ħsiebhom jibqgħu jħaddmuha, u jrodduha sħiħa lil ta' wrajhom.

L-EDITUR.